MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 162/1982/1

Paul **AĠIUS** f'ismu proprju u bħala mandatarju ġenerali ta' l-assenti Frank Aġius

**vs**

Ġużeppa mart Carmelo **SCERRI**, Anġela mart Oscar Żahra, u Carmelina mart Alfred Scerri; u b'degriet tad-9 ta' Novembru, 2006, l-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-P.L. Doreen Aquilina nħatru Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw 'il-werrieta mhux magħrufa tal-mejta Ġużeppa Scerri; u b'Nota tas-26 ta' Marzu, 2008, Doriann Żahra u Charlot Żahra assumew l-atti tal-kawża minflok ommhom Anġela Żahra li mietet fil-mori tal-kawża

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' Frar, 1982, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *proprio* u *nomine* talab li din il-Qorti (a) tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri tal-partijiet, Antonio u Mary Aġius; (b) taqsam dak

il-ġid tal-komunjoni f'żewġt ishma ndaqs li kull wieħed ikun assenjat lill-wirt partikolari ta' kull wieħed mill-imsemmija ġenituri tal-partijiet; (ċ) tillikwida l-ġid partikolari ta' ommhom Marija Aġius billi tiddikjarah magħmul min-nofs l-attiv tal-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti assenjat lilha u minn ġid ieħor li jista' jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża; (d) taqsam il-ġid partikolari tal-omm f'sitt (6) ishma ndaqs li waħda minnhom tiġi assenjata lill-ġid ereditarju tagħha filwaqt li l-ħamest ishma oħrajn jiġu assenjati bix-xorti lil kull wieħed u waħda mill-partijiet fil-kawża; (e) tillikwida l-ġid tal-wirt ta' Maria bint xebba tal-imsemmija Antonio u Mary miżżewġin Aġius, billi tiddikjarah magħmul minn sehem minn sitta ($^{1}/_{6}$) mill-wirt t'ommha u minn ġid ieħor li jista' jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża; (f) taqsam il-ġid hekk likwidat ta' Maria, xebba, bint il-miżżewġin Aġius f'sitt (6) ishma ndaqs billi sehem jingħata lil missierha Antonio Aġius u l-ħamest ishma l-oħrajn jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet; (ġ) tillikwida l-ġid partikolari ta' Antonio Aġius billi tiddikjarah magħmul min-nofs is-sehem tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u martu li mietet qablu, f'sehem minn sitta ($^{1}/_{6}$) tas-sehem tal-wirt ta' bintu Maria li wkoll mietet qablu, u minn ġid ieħor li jista' jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża; (ħ) taqsam bix-xorti l-assi partikolari msemmi f'ħamest (5) ishma ndaqs bejn kull wieħed u waħda mill-partijiet fil-kawża; (i) taħtar periti biex jillikwidaw u jaqsmu l-ġid kollu msemmi; u (j) nutar pubbliku biex jippubblika l-kuntratt ta' qsim relattiv, fil-jum, il-post u l-ħin li l-Qorti jogħġobha tistabilixxi, u kif ukoll kuratur deputat biex jidher fuq l-imsemmi att għal dawk li jonqsu li jersqu. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-1 ta' Marzu, 1982, li biha l-imħarrkin Ġużeppa Xerri u Carmelina Scerri iddikjaraw li huma ma kinux kontra l-qasma tal-ġid tal-ġenituri tagħhom u ta' oħthom, sakemm qabel kollox jingħataw il-legati mħollijin lilhom fit-testment ta' missierhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-15 ta' Marzu, 1982, li biha l-imħarrka Anġela mart Oscar Żahra iddikjarat li hija ma kinitx kontra li ssir il-qasma tal-ġid,

basta li kollox isir skont il-liġi u sakemm il-jedd tagħha għal-leġittima mill-wirt ta' missierha jkun kif jixraq imħares;

Rat il-verbali tas-smigħ bejn it-28 ta' Ottubru, 1982 u t-13 ta' Ġunju, 1985, li bihom il-kawża kienet qiegħda titħalla minn darba għal oħra biex il-partijiet jaslu fi ftehim bejniethom barra l-Qorti;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Novembru, 1985[1], li bih ħatret lill-Avukat Stefan Frendo bħala perit legali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-6 ta' Diċembru, 1989[2], li bih ħatret lill-perit arkitett Rene' Buttiġieġ u lill-irkantatur Moses Sammut biex jgħinu lill-perit legali bi stimi tal-ġid in kwestjoni;
Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-19 ta' Ġunju, 1995[3], li bih ordnat lill-periti ġudizzjarji jfittxu jressqu r-rapport bla aktar dewmien;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Ottubru, 1997[4], li bih u fuq talba tal-istess perit legali, eżonerat lill-istess perit legali mill-ħatra u ħatret minfloku lill-Avukat Philip Manduca;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit legali (waħdu) Dottor Manduca fit-22 ta' Lulju, 1998[5], u minnu maħlufa waqt is-smigħ tal-4 ta' Ottubru, 2000;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Frar, 2001[6], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza, u tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu s-sottomissjonijiet li jidhrilhom xierqa fiż-żmien lilhom mogħti;

Rat id-degriet tas-27 ta' April, 2001[7], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-Qorti (diversament presjeduta)

[1] Paġ. 41 tal-proċess
[2] Paġ. 55 tal-proċess
[3] Paġ. 74 tal-proċess
[4] Paġ. 85 tal-proċess
[5] Paġġ. 100 – 120 tal-proċess
[6] Paġ. 123 tal-proċess
[7] Paġġ. 124 – 5 tal-proċess

waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza u ordnat li l-periti jerġgħu jwettqu dak li kienu fil-bidu ntalbu li jagħmlu;

Rat il-verbal tas-6 ta' Novembru, 2002, li bih il-kawża ġiet mgħoddija lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat in-Nota mressqa fil-5 ta' Ġunju, 2003[8], li biha l-perit tekniku l-arkitett Rene' Buttiġieġ ressaq kopja tar-relazzjoni/stima oriġinali tiegħu tal-immobbli li jagħmel mill-ġid li jrid jinqasam;

Semgħet ix-xhieda tal-perit stimatur Joseph Sammut;

Rat l-istima mressqa mill-perit stimatur fil-15 ta' Diċembru, 2006[9], u minnu maħlufa f'idejn ir-Reġistratur fl-1 ta' Ottubru, 2007;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' April, 2008, li bih l-avukat tal-atturi iddikjara li joqgħod fuq l-atti tal-kawża u ma kienx jinsisti għas-sottomissjonijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' April, 2008[10], li bih ċaħdet it-talba tal-imħarrkin biex taħtar periti addizzjonali dwar listejjem tal-ġid li ried jinqasam;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Mejju, 2008, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-qasma ta' ġid ġej minn wirt. F'din l-*actio familiae erciscundae*, l-atturi jridu li l-ġid li ġej mill-wirt tal-ġenituri tagħhom u mill-wirt ta' oħthom li mietet xebba u bla testment, jinqasam bejniethom. Kemm l-atturi u kemm l-imħarrkin kienu aħwa. L-atturi ma ridux li jibqgħu fil-komunjoni ma' ħuthom il-bniet u għalhekk talbu l-qasma;

---

[8] Paġġ. 135 – 9 tal-proċess
[9] Paġġ. 177 – 8 tal-proċess
[10] Paġ. 184 tal-proċess

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin ma ċaħdux li kellha ssir il-qasma, iżda lkoll stennew li l-jedd tagħhom għal-legati mħollijin lilhom u għas-sehem riżervat (dak iż-żmien kien għadu jissejjaħ leġittima) jkunu mħarsin kif jixraq meta jsiru l-likwidazzjoni u l-qasma tal-ġid;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-ġenituri tal-partijiet kienu Mary u Anthony Aġius li żżewġu fi Frar tal-1935 u minn dan iż-żwieġ kellhom sitt (6) itfal. Huma kienu joqogħdu fid-dar bin-numru erbgħa (4), Sqaq Numru 1, Triq il-Mitħna, Ħ'Attard, li kienet inxtrat minnhom matul l-1952 matul iż-żwieġ tagħhom, u kontestwalment mal-bejgħ ta' ġid partikolari li kellha martu f'Birkirkara[11]. Iżda qabel ma kien seħħ dan ix-xiri, omm il-partijiet kienet iddaħħlet rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli u, fuq talba ta' żewġha, kienet interdetta mill-atti ta' stat ċivili b'degriet tal-24 ta' Ottubru, 1951[12] . Fl-10 ta' Novembru, 1951, Antonio Aġius ippubblika l-inventarju tal-ġid ta' martu, f'att nutarili[13]. Biex inkiseb sehemha mill-post, żewġha kellu jikseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja[14]. Mary Aġius mietet bla testment fit-13 ta' April, 1969. Id-denunzja tas-suċċessjoni tagħha ressaqha l-attur Paul Aġius, wara li kien mela t-tagħrif missieru;

Illi bintha Maria mietet xebba u mingħajr testment fit-3 ta' Frar, 1979[15] u l-wirt tagħha għadda fuq il-ħames ħutha u missierha, li dak iż-żmien kien għadu ħaj. Id-denunzja tas-suċċessjoni tagħha saret minn missierha[16] u l-ġid imsemmi kien jikkonsisti f'kont bankarju (LM 600) u sehem ta' wieħed minn tnax-il ($^{1}/_{12}$) parti tad-dar tal-ġenituri;

Illi f'Novembru tal-1980, missier il-partijiet għamel testment[17] li bih ħassar kull testment ieħor li seta' qatt għamel qabel dak inhar, u ħalla b'titolu ta' prelegat favur l-imħarrka Ġużeppa Scerri d-dar li hu kien jgħix fiha u

---

[11] Dok "PA5", f'paġġ. 245 sa 265 tal-proċess
[12] Dok "PA8", f'paġġ. 273 – 7 tal-proċess
[13] Dok "PA10", f'paġġ. 284 – 9 tal-proċess
[14] Dok "PA9", f'paġġ. 278 sa 282 tal-proċess
[15] Dok "MA", f'paġ. 39 tal-proċess
[16] Dok "PA1", f'paġġ. 231 – 4 tal-proċess
[17] Dok "A", f'paġġ. 5 – 8 tal-proċess

b'kulma fiha għajr flus u kotba tal-banek, wara li iddikjara li kien jaf li dik id-dar kienet inkisbet matul iż-żwieġ iżda li, wara li kienet mietet martu, kien ħallas lil kull wieħed u waħda minn uliedu s-somma ta' mitejn lira (£ 200) "a saldu in totali sodisfazzjon ta' sehemu ossia sehemha minn nofs il-valur tal-istess dar lilu spettanti mill-wirt ta' ommhom, u għalhekk l-istess ulied m'għad għandhom l-ebda drittijiet legali fuq l-istess nofs ta' dar għalkemm ma sar l-ebda trasferiment b'kuntratt nutarili". It-testatur żied jordna li jekk xiħadd minn uliedu jipprova jwaqqa' l-imsemmi legat, hu jew hi titlef kull benefiċċju mħolli bit-testment u jibqagħlu biss jedd għal-leġittima. Ħalla b'legat ieħor senter lil neputih Vincent iben bintu Ġużeppa Scerri, u iddikjara li xi għamara li hemm fid-dar kienet ta' oħt martu, Amalia Fenech. Temm billi ħatar lill-partijiet b'werrieta universali tiegħu f'ishma ndaqs bejniethom;

Illi l-attur jistqarr[18] li, wara li mietet ommu, missieru qassam mitejn lira (£ 200) lil kull wieħed u waħda mill-partijiet fil-kawża (iżda mhux ukoll lil oħtu Maria) u dan bil-ħsieb li d-dar titħalla b'att umanitarju lill-istess oħthom, li kienet inkapaċitata. Dan seħħ madwar għaxar (10) snin wara l-mewt ta' omm il-partijiet, iżda meta kienet għadha ħajja oħthom Maria[19];

Illi fl-aħħar xhur ta' ħajtu, missier il-partijiet kien marad u mar joqgħod mal-imħarrka Ġużeppa u żewġha Carmelo Scerri fid-dar tagħhom xi żewġ bibien 'il bogħod mid-dar tiegħu u fl-istess triq. Huwa miet fl-1 ta' Mejju, 1981, u d-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu saret minn ibnu l-attur, Paul Aġius fil-11 ta' Mejju, 1981[20];

Illi, fit-18 ta' Awissu, 1981, l-attur kien talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Deskrizzjoni dwar dak kollu li kien hemm fid-dar[21], u dan wara li oħtu l-imħarrka Ġużeppa Scerri daħlet fid-dar u okkupatha. Fit-12 ta' Frar, 1982, infetħet il-kawża;

---

[18] Xhieda tiegħu 14.2.1986, f'paġġ. 185 – 6 tal-proċess
[19] Ara wkoll ix-xhieda tal-imħarrka Anġela Żahra 26.11.1986, f'paġġ. 196 – 7 tal-proċess
[20] Dok "PA6", f'paġġ. 267 sa 271 tal-proċess
[21] Dok "PA4", f'paġġ. 242 – 4 tal-proċess

Illi bħala kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, għandu jingħad minnufih li f'azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt, il-liġi[22] tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid *in natura*[23], (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur[24] u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs[25];

Illi dwar il-kwestjoni ta' jekk il-ġid għandux jinqasam bix-xorti jew inkella b'assenjazzjoni (jew b'attribuzzjoni) jeħtieġ li jingħad li fejn l-ishma huma ndaqs, il-qasma ssir billi jittellgħu ix-xorti. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m'hijiex inflessibbli[26], jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m'għandhiex issir il-qasma bl-assenjazzjoni[27]. Jidher li din ir-regola tal-liġi m'hijiex fakoltativa imma tassativa[28];

Illi madankollu l-qasma ta' wirt bix-xorti jew bl-assenjazzjoni tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba l-ishma jkunu jistgħu jitfasslu u jintgħamlu b'mod li jirrispettaw l-ishma ta' dawk imsejħa biex jaqsmu. Jekk dan ma jistax isir bla xkiel u ħsara għal tali jeddijiet, l-għażla li jifdal hi li l-wirt jinbiegħ b'liċitazzjoni u l-ishma jitħallsu mir-rikavat;

Illi f'dan il-każ, meta nfetħet din il-kawża, kien hemm ħamest (5) ishma ndaqs ta' waħda minn ħames partijiet ($^1/_5$) kull wieħed. Iżda matul il-kawża, tnejn mill-imħarrkin, jiġifieri Ġuża Scerri[29] u Anġela Żahra mietu. Fil-każ ta'

---

[22] Art. 907 tal-Kap 16
[23] Art. 502 tal-Kap 16
[24] Art. 504 tal-Kap 16
[25] Art. 510(1) tal-Kap 16
[26] Fadda Commentario sulle Leggi Civili, art. 993-6
[27] Ara, P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)
[28] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et***
[29] Dok "AS", f'paġ. 154 tal-proċess (fit-13.5.2005)

Anġela Żahra, daħlu fil-kawża ż-żewġ uliedha bniet[30], u għalhekk is-sehem ta' kull waħda minnhom sar ta' sehem minn għaxra (10) tal-ġid li jrid jinqasam. Fil-każ ta' Ġuża Scerri, ħadd minn uliedha ma daħal minflokha, u l-wirt tagħha tħalla battal;

Illi jirriżulta wkoll li meta mietet omm il-partijiet fl-1969, kien għad fadal ħajjin is-sitt (6) uliedha u żewġha. Billi l-omm mietet mingħajr testment, il-wirt tagħha għadda fuq is-sitt (6) uliedha bil-jedd tal-użufrutt għal nofs il-ġid tagħha favur żewġha[31];

Illi meta mietet oħt il-partijiet, Maria Aġius, fl-1979, din kienet xebba u mietet mingħajr testment, u meta kien għadu ħaj missierha. F'dak il-każ, il-wirt tagħha għadda favur ħutha u missierha f'ishma ndaqs ta' sest ($^{1}/_{6}$) favur kull wieħed u waħda minnhom[32]. Dawk l-ishma kienu jgħoddu fihom is-sest ($^{1}/_{6}$) tal-wirt tal-omm li kien miss lil Maria Aġius kif ingħad qabel;

Illi meta miet missier il-partijiet fl-1981, il-wirt tiegħu għadda fuq il-ħames ulied li kien għad fadal ħajjin f'sehem ta' kwint ($^{1}/_{5}$) kull wieħed u waħda minnhom. Dawk l-ishma kienu jgħoddu fihom wieħed minn tletin ($^{1}/_{30}$) parti mill-wirt tal-omm;

Illi mill-provi mressqa jirriżulta dan il-ġid:

1. il-post, f'numru 4, Sqaq numru 1, Triq il-Mitħna, Ħ'Attard, bl-arja tiegħu u bil-ġnien u l-ġardina fuq wara tiegħu, stmat mill-perit tekniku[33] li jiswa LM 60,000[34];
2. għamara fl-imsemmi post, stmata mill-perit tekniku[35] b'kollox fis-somma ta' LM 618[36];

[30] Nota tas-26.3.2008, f'paġ. 183 tal-proċess
[31] Art. 825 tal-Kap 16 (illum imħassar b'Att XVIII.2004.86) abbinat mal-art. 631 (kif kien fis-seħħ fiż-żmien tal-mewt tagħha)
[32] Art. 813 tal-Kap 16 (illum mibdul b'Att XVIII.2004.86) kif kien fis-seħħ dak iż-żmien
[33] Paġġ. 136 – 9B tal-proċess
[34] €139,162.40 fi flus tal-lum
[35] Paġġ. 177 – 8 tal-proċess
[36] € 1,439.55 fi flus tal-lum

3. depożiti fil-banek jew titoli li jissarrfu fi flus fl-ammont ta' Lm 600[37] (depożitati f'isem il-mejta Maria Aġius, oħt il-partijiet) u LM 5607[38] (depożitati f'isem missier il-partijiet);

4. żewġ snieter stmati li jiswew LM 77[39] u reġistrati f'isem missier il-partijiet[40];

Illi l-imsemmi fond jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn il-ġenituri tal-partijiet. Il-biċċa l-kbira mill-għamara u tagħmir tad-dar kien ukoll inkiseb matul iż-żwieġ (minnhom iridu jitneħħew xi affarijiet li kienu jappartienu lil oħt l-omm, Amalia Fenech). Mid-depożiti jew titoli li jissarfu fi flus, € 1397.62 kienu jappartienu lil Maria Aġius, oħt il-partijiet: il-bqija kienu ġid partikolari ta' missierhom. Is-snieter kienu tal-missier ukoll;

Illi dan ifisser li, fil-waqt tal-mewt tagħha, l-ġid tal-omm kien jikkonsisti fis-sehem tagħha ta' nofs mid-dar u nofs mill-għamara li kien hemm fiha u li ma kinitx għamara t'oħtha Amalia Fenech. Għar-raġunijiet li sejrin jissemmew aktar 'il quddiem, il-Qorti sejra tqis il-valur ta' dan is-sehem skont l-istimi magħmulin matul is-smigħ tal-kawża u b'hekk l-aktar qrib għall-qasma tal-ġid. F'dan il-każ, il-wirt tal-omm jiġi jammonta għal total ta' €70,600.98 (jiġifieri nofs il-valur tad-dar u nofs il-valur tal-għamara). Għalhekk, sehem kull wieħed u waħda minn uliedha minn dak il-wirt kien ta' €11,766.83;

Illi meta mietet Maria Aġius, il-ġid tagħha kien jikkonsisti f'somma ta' € 1397.62 depożitata f'bank f'isimha, u sest ($^1/_6$) mill-ġid ta' ommha, jiġifieri € 1961.14, b'kollox € 3358.76. Dan iġib li sehem kull wieħed u waħda minn ħutha u ta' missierha (li kien baqa' ħaj warajha) jkun ta' € 559.80;

Illi meta miet missier il-partijiet il-ġid tiegħu kien jikkonsisti fin-nofs u kwota minn tnejn u sebgħin sehem mhux maqsum mid-dar, jiġifieri sebgħa u tletin minn tnejn u

[37] €1397.62 fi flus tal-lum
[38] € 13,060.80 fi flus tal-lum
[39] € 179.36 fi flus tal-lum
[40] Stima f'paġ. 268 *tergo* tal-proċess

sebgħin ($^{37}/_{72}$) mhux maqsum; id-depożiti bankarji intestati f'ismu; iż-żewġt isnieter; u nofs il-valur tal-għamara li kien hemm fid-dar u li ma kinitx ta' oħt martu, Amalia Fenech. Dan iġib li l-wirt ta' missier il-partijiet Antonio Aġius jammonta għal € 85,782.17[41]. Dan iġib li sehem kull wieħed u waħda mill-partijiet min dak il-wirt hu ta' € 17,156.44. Jirriżulta li l-flejjes li kien hemm depożitati f'isem Antonio Aġius fil-waqt ta' mewtu nġibdu kollha (u mhux magħruf minn min);

Illi minħabba li, fil-mori tal-kawża, l-imħarrka Anġela Żahra mietet u daħlu minflokha ż-żewġ uliedha bniet, sehem kull waħda minnhom irid ikun nofs dak li kienet intitolata għalih ommhom. Jiġifieri, mid-dar kull waħda minn ulied Anġela Żahra jmissha sehem minn għaxra ($^{1}/_{10}$);

Illi l-Qorti tqis li l-ebda wieħed mit-tliet periti maħtura ma ħejja jew issuġġerixxa xi qasma ta' ishma jew pjan ta' kif kellha ssir tali qasma. Jidher li lkoll sabu ma' wiċċhom il-kwestjoni tal-legat tad-dar li missier il-partijiet ħalaq fit-testment tiegħu favur l-imħarrka Ġużeppa Scerri. It-testatur jidher li kien jaħseb li, ladarba ta lil uliedu s-somma ta' £ 200 kull wieħed wara mewt martu bil-kundizzjoni li huma jirrinunzjaw għal sehemhom mid-dar, allura dik id-dar saret kollha tiegħu. Kif sewwa jirrileva l-perit legali fir-relazzjoni tiegħu[42], meta miet missier il-partijiet, ma kellux jedd għad-dar kollha għax trasferiment tas-sehem li kien jappartieni lil martu baqa' ma sar qatt;

Illi minbarra dan, meta wieħed iqis il-konsistenza tal-ġid tal-missier fil-waqt ta' mewtu, wieħed ma jistax ma jarax li l-legat tad-dar b'kulma fiha mill-għatba 'l ġewwa li huwa ħalla favur bintu l-imħarrka Ġużeppa Scerri jaqbeż sewwa s-sehem li huwa seta' jagħmel minnu[43]. B'dan il-mod, is-sehem riżervat (jew aħjar, il-leġittima) li kull wieħed u waħda mill-ulied kellhom jedd għaliha nġieb tista' tgħid kollu fix-xejn, u dan ukoll għaliex mill-flejjes li kien hemm depożitati fil-banek kien inġibed kollox;

---

[41] Il-Qorti m'hijiex sejra tagħti każ tad-dejn tal-wirt li, skond id-denunzja, ma kienx jaqbeż il-Lm 150
[42] Paġ. 119 tal-proċess
[43] Artt. 647 u 648 tal-Kap 16

Illi għalhekk, bi tħaddim tar-regoli stabiliti fil-Kodiċi Ċivili, il-Qorti sejra tqis li, ħlief għal-legat ta' wieħed mis-snieter imħolli mit-testatur Antonio Aġius favur bin bintu, il-legat l-ieħor imħolli favur bintu Ġużeppa Scerri se' jitqies bħallikieku ma sarx;

Illi f'dan il-każ qiegħed jidher ċar ukoll li, fiċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ u fil-qagħda li jinsab fiha l-ġid li fadal, ma jidhirx għaqli li l-Qorti tipprova tagħmel pjan ta' qasma ta' dak il-ġid f'tant porzjonijiet li jaqblu mas-sehem li kull wieħed u waħda mill-partijiet fil-kawża jistħoqqilha. Għall-kuntrarju, hija l-fehma sħiħa ta' din il-Qorti li ma jistgħux jinħolqu ishma ndaqs *in natura* biex jissoddisfaw sewwa u b'ħaqq dawk l-ishma[44]. Fi kliem ieħor, il-Qorti qegħda ssib li l-ġid komuni riżultanti ma jistax jinqasam bla xkiel. Għalhekk, jidher li t-triq waħdanija hi li l-ġid jinbiegħ b'liċitazzjoni;

Illi għandu jibqa' dejjem meqjus li l-liċitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-ġid komuni ma jkunx jista' jinqasam mingħajr xkiel jew fejn ikun hemm xi ġid li l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' jew tkun trid tieħu għandha[45]. Fuq kollox, il-fondi li jistgħu jinbiegħu b'liċitazzjoni jridu jkunu tassew ma jistgħux jinqasmu bla xkiel min-natura u l-bixra tagħhom, u mhux għaliex imqegħda f'dak l-istat minħabba xi twaħħid artifiċjali jew bidliet strutturali li jisnaturaw l-istess fondi[46];

Illi ngħad li l-kliem "bla xkiel" fil-liġi jfissru bħala "mingħajr ma ssir ħsara lill-interessi ta' dawk li qegħdin jaqsmu", filwaqt li "bla ħsara" jfissru "mingħajr ma jkun hemm tnaqqis fil-valur tal-ġid bil-qasma tiegħu"[47]. L-applikazzjoni ta' tali kriterji f'dan ir-rigward hija waħda ta' fatt[48]. Il-kwestjoni għalhekk dwar jekk għandhiex tiġi ordnata l-liċitazzjoni bħala mezz estrem biex wieħed joħroġ mill-komunjoni, minflok ir-rimedju ordinarju tad-

[44] Art. 502 tal-Kap 16

[45] P.A. **30.7.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)

[46] App. Ċiv. **23.11.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Fleri Soler et vs Hyzler et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.371**)

[47] Ara, per eżempju, P.A. PS **27.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Abela pro et vs Joseph Abela et***

[48] Ara P.A. **6.3.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Sciberras*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.217**) u App. Ċiv. **16.11.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.355**)

diviżjoni, tirriduċi ruħha f'jekk il-qasma materjali hijiex possibbli[49] fil-limiti hawn fuq imfissra;
Illi huwa aċċettat li t-talba għall-qasma timplika fiha wkoll talba għal-liċitazzjoni meta joħroġ li l-ġid komuni ma jistax jinqasam mingħajr xkiel u ħsara[50]. B'mod partikolari, l-Qorti għandha s-setgħa li tordna l-liċitazzjoni meta tkun intalbet il-qasma, kif ukoll tista' tordna l-qasma minkejja li tkun intalbet il-liċitazzjoni[51], u dan għaliex il-liċitazzjoni m'hijiex għajr *modus divisionis*;

Illi, minn dak li ħareġ ukoll aktar qabel, jirriżulta li sehem l-attur Paul Aġius, l-attur Frank Aġius, l-imħarrka Carmelina Scerri u sehem il-wirt battal ta' Ġużeppa Scerri huwa ta' parti minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) kull wieħed u waħda minnhom, filwaqt li sehem Doriann u Charlot aħwa Żahra, ulied il-mejta Anġela mart Oscar Żahra, huwa ta' parti minn għaxra ($^{1}/_{10}$) favur kull waħda minnhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tipprovdi dwar l-ewwel talba** billi tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn il-ġenituri tal-partijiet Antonio u Mary miżżewġin Aġius billi tiddikjara li din kienet tikkonsisti fid-dar f'Ħ'Attard, numru erbgħa (4), Triq il-Mitħna, Sqaq Numru 1, u fl-għamara li kien hemm fl-imsemmija dar (ħlief għal dik l-għamara identifikata mill-perit stimatur bħala dik li kienet tappartieni lil Amalia Fenech);

**Tipprovdi dwar it-tielet talba attriċi** billi tillikwida l-ġid partikolari tal-imsemmija Mary Aġius, omm il-kontendenti, fis-somma ta' € 70,600.98;

**Tipprovdi dwar il-ħames talba attriċi** billi tillikwida l-valur tal-ġid ta' Maria xebba Aġius, oħt il-kontendenti, fis-somma ta' € 3358.76;

---

[49] App. Ċiv. **22.12.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb et vs Dimech et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.369**)
[50] P.A. **13.6.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Attard et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1102**)
[51] App. Ċiv. **28.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Meilak vs Żahra Scicluna*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.329**)

**Tipprovdi dwar is-seba' talba attriċi** billi tillikwida l-ġid ta' Antonio Aġius, missier il-kontendenti, fis-somma ta' € 85,782.17;

**Tipprovdi dwar it-tieni, r-raba', s-sitt u t-tmien talbiet attriċi** billi tiddikjara li l-ġid li jirriżulta mill-wirtijiet imsemmijin ma jistax jinqasam skond l-ishma tal-partijiet bla xkiel u ħsara bejniethom, u għalhekk dak il-ġid li jirriżulta għandu jinbiegħ b'liċitazzjoni, bis-sehem ta' offerenti barranin, u bil-prezzijiet u valuri kif iffissati fl-istimi magħmulin mill-periti teknikniċi fir-Relazzjonijiet rispettivi tagħhom u li jagħmlu parti mill-atti ta' din il-kawża, u bid-dħul mill-imsemmi bejgħ jinqasam kwantu għal wieħed minn ħamest ishma ($^{1}/_{5}$) mhux maqsum favur kull wieħed u waħda mill-atturi Paul u Frank Aġius, l-imħarrka Carmelina mart Alfred Scerri u l-wirt battal tal-imħarrka Ġużeppa Scerri u sehem wieħed minn għaxra ($^{1}/_{10}$) mhux maqsum favur l-imħarrkin Doriann u Charlot aħwa Żahra, ulied il-mejta Anġela Żahra;

**Tiċħad it-tieni, r-raba', s-sitt u t-tmien talbiet attriċi** billi ma tistax issir il-qasma tal-ġid la bl-assenjazzjoni u lanqas bit-tlugħ tax-xorti;
**Tastjeni milli tqis aktar** id-disa' u l-għaxar talbiet attriċi; u

**Tordna li l-ispejjeż** tal-kawża u dawk marbuta mal-proċeduri tal-bejgħ tal-ġid ereditarju bil-liċitazzjoni jinqasmu skond l-ishma rispettivi tal-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------